**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVIII**
**Appell Nru: 198/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

**RONALD MANGION**

**Illum, 8 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Ronald Mangion kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fl-4 t'April, 2000, u fil-granet qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, meta hekk ordnat minn xi Qorti, naqas li jghati lill-martu dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-uliedu fi zmien hmistax il-jum li fih skond dak l-ordni kellu jithallas dik is-somma. Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex jigi applikat l-Artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-4 ta'Lulju, 2000, li biha sabet lill-Ronald Mangion hati ta' din l-akkuza w kkundannatu ghall-Lm20 ammenda.

Rat ir-rikors t'appell ta'Ronald Mangion datat 14 ta'Lulju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza dedotta kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda mill-gdid taht gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi jigi rilevat li fis-seduta tal-lum quddiemha, din il-Qorti gja' ddecidiet appell iehor simili ta' l-istess appellant Ronald Mangion fejn il-meritu hu

essenzjalment l-istess. Dan kien l-appell fl-ismijiet " *Il-Pulizija –vs- Ronald Mangion, Appell Kriminali 171/2000* ".

Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti qed tadotta dak kollu li qalghet fis-sentenza taghha ta' dak l-appell l-iehor, u tapplikahom fl-appell prezenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta'Ronald Mangion huwa michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur